**– THE HIGHWAYS ACT 1980 INGLIZ U HIGHWAY CODE MALTI, DIFFERENZA BEJN –**
**– KUNTRADITTUR LEGITTIMU, PRINCIPJU TA' –**
**– TOROQ ARTERJALI U TOROQ DISTRIBUTORJI –**
**– DOVER TA' "PROPER LOOKOUT" TA' SEWWIEQ –**
**– NORMA TA' "NEMINEM LÆDERE" –**
**– ART. 1031 *ET SEQQ* TAL-KODICI CIVILI –**
**– KOLPA KOMMISSIVA U KOLPA OMMISSIVA –**
**– ENTI PUBBLIKA BHALA KUSTODI TAD-DEMANJU TAGHHA –**
**– RESPONSABBILITÀ GESTJONALI TA' ENTI PUBBLIKA –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **320/2017**

**ELMO INSURANCE LIMITED (C-3500) KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGHHA JOSEPH CALVAGNA U L-ISTESS JOSEPH CALVAGNA (K.I. NRU. 408059M)**

***VERSUS***

**KUNSILL LOKALI PEMBROKE, KUNSILL LOKALI SAN GILJAN, AWTORITÀ GHAT-TRASPORT F'MALTA U B'DIGRIET TAL-11 TA' DICEMBRU, 2017 GIE KJAMAT IN KAWZA L-KONSORZJU BL-ISEM TA' "ENVIRONMENTAL LANDSCAPING CONSORTIUM LIMITED"**

B'Avviz tat-Talba introdott fl-20 ta' Lulju, 2017, l-atturi talbu li l-konvenuti kunsilli lokali u l-awtorità, jew min minnhom, jigu kkundannati ghar-rizarciment tas-somma globali ta' tmien mija, sitta u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmi (€826.93c) u dan wara li ppremettew illi tali cifra tikkonsisti f'danni subiti mill-attur Joseph Calvagna, assikurat ma' l-attrici, in segwitu ghas-sinistru stradali li sehh fl-4 ta' Mejju, 2016 fi Triq il-Profs. Walter Ganado gewwa Pembroke. L-atturi premettew illi waqt li Darren Calvagna – sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TAXI 039M, appartenenti lill-assikurat Joseph Calvagna – kien qed isuq, waqghet sigra ghal fuq l-imsemmija vettura u konsegwentement din garrbet hsarat. L-atturi jikkontendu li s-sigra kienet taqa' taht il-kontroll u responsabbilità tal-konvenuti, jew min minnhom. L-ammont menzjonat ta' €826.93c

jirrapprezenta €200.00c bhala *excess payment* zborsat mill-assigurat attur Joseph Calvagna u €626.93c bhala danni zborsati mis-socjetà assiguratrici attrici li ghamlet tajjeb ghalihom hi a bazi tal-polza t'assigurazzjoni tat-tip *fully comprehensive*. L-atturi talbu wkoll l-ispejjez tal-prezenti proceduri gudizzjarji, inkluz ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Ottubru, 2016 u l-imghaxijiet legali b'effett mid-data ta' l-istess missiva gudizzjarja sad-data tal-pagament effettiv.

B'Risposta datata 21 ta' Awwissu, 2017 l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta (*a fol*. 10), eccepiet hekk:

1. Illi preliminarjament, l-Awtorità intimata m'hijiex il-legittima kontradittrici stante li t-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax taht il-kompetenza tal-Awtorità esponenti;[1]

2. Illi minghar pregudizzju ghas-suespost u fuq bazi preliminari, l-Awtorità esponenti m'hijiex il-legittima kontradittrici stante li l-Awtorità esponenti m'hijiex responsabbli ghall-manutenzjoni u l-harsien tas-sigar fit-triq in kwistjoni;

3. Illi minghar pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorità esponenti tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala infondata fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jigu kontestati.

5. Sal eccezzjonijiet ulterjuri.

B'Risposta datata 24 ta' Awwissu, 2017 il-Kunsill Lokali ta' San Giljan (*a fol*. 11), eccepixxa hekk:

1. Illi primarjament il-Kunsill Lokali ta' San Giljan mhuwiex il-legittimu kontradittur.[2]

---

[1] B'nota tas-27 ta' Ottubru, 2017 (*a fol*. 18) u in segwitu ghall-para. §3 fid-digriet tat-Tribunal tal-20 ta' Ottubru, 2017 (*a fol*. 14), l-Awtorità indikat lill-Kunsill Lokali ta' Pembroke jew dak ta' San Giljan bhala l-kontradituri legittimi ghall-pretiza attrici peress "*li parti mit-triq fejn sehh l-allegat incident in kwistjoni taqa' taht ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke filwaqt li parti ohra tal-istess triq taqa' taht ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan.*"

[2] B'nota tat-30 ta' Ottubru, 2017 (*a foll*. 19–20) u in segwitu ghall-para. §4 fid-digriet tat-Tribunal tal-20 ta' Ottubru, 2017 (*a fol*. 14), il-Kunsill Lokali ta' San Giljan indika l-Kunsill Lokali ta' Pembroke bhala l-kontradittur legittimu ghall-pretiza attrici u dan ghar-ragunijiet imfissra fl-istess nota.

2. Il-manutenzjoni tas-sigra li kkawzat tali incident ma taqax taht ir-responsabbilità jew taht il-kontroll tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan. Dan proprju ghaliex Triq Profs. Walter Ganado, fejn Joseph Calvagna allegatament sofra d-danni fuq il-vettura tieghu, ma taqax taht gewwa l-konfini tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan. Din it-triq taqa' gewwa l-konfini ta' Kunsill ghal kollox separat u distint minn dik tal-Kunsill esponenti. Ghalhekk il-Kunsill ma jistax jigi misjub hati ghal allegati danni kkagunati ghal hsara ikkawzata barra l-konfini tal-Kunsill.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit ulterjorment illi l-Kunsill Lokali ta' San Giljan mhuwiex responsabbli ghall-manutenzjoni u tharis tas-sigar li hemm fit-toroq, kif ser jintwera fil-mori tal-kawza.

4. Finalment jigi eccepit illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Kunsill jishaq li tali sigra waqghet proprju a kawza tan-nonkuranza u imgieba irresponsabbli tas-sewwieq tal-vettura, u cioè Joseph [*recte*: Darren] Calvagna. Ghalhekk, il-Kunsill ma jistax jigi misjub hati ghal danni kkagunati minn Joseph [*recte*: Darren] Calvagna stess.

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

B'Risposta datata 12 ta' Dicembru, 2017 il-Kunsill Lokali ta' Pembroke (*a fol*. 39), eccepixxa hekk:

1. Preliminarjament, l-eccipjent mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-post mertu tal-incident ma jaqax fil-konfini tal-Kunsill eccipjenti.

2. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-manutenzjoni tas-sigar kollha fl-imsemmija triq jaqghu fir-responsabbilità ta' Environmental Landscape Consortium Limited in forza tal-kuntratti mal-Kunsill Lokali ta' San Giljan u/jew mal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta u/jew entitajiet ohra.

3. F'kull kaz, u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ghandha ggib prova li l-incident gara bi htija tal-Kunsill eccipjenti.

4. F’kull kaz, u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stess peress li l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-incident mertu ta’ din it-talba u m’ghandu jhallas xejn lir-rikorrenti.

5. Inoltre, l-eccipjenti ma kkawza ebda danni lir-rikorrenti jew l-assikurat taghha.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li fl-udjenza tal-11 ta’ Dicembru, 2017 giet ordnata s-sejha fil-kawza ta’ “Environmental Landscaping Consortium Limited” (*a fol*. 38).

Notifikata bl-atti ta’ dan il-procediment fl-14 ta’ Frar, 2018 (ara *a tergo* ta’ *fol*. 42), il-kumpannija kjamata in kawza, Environmental Landscaping Consortium Limited, ressqet Risposta datata 2 ta’ Marzu, 2018 (*a fol*. 43), li fiha gie eccepit dan:

1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-kjamata in kawza Environmental Landscaping Consortium Limited stante li ma hija bl-ebda mod legalment responsabbli ghall-allegati danni sofferti minn Joseph Calvagna fil-vettura TAXI 039M.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegatament sofferti ghandhom jigu pruvati.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

Wara li l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tat-3 ta’ Gunju, 2019 (*a foll*. 204–205), it-Tribunal sema’ t-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-kontendenti fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Lulju, 2019[3] illi fiha l-procediment thalla ghas-sentenza ghal-lum;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta’ dan l-incident jistghu jigu brevement deskritti hekk kif isegwi.

Dakinhar ta’ l-4 ta’ Mejju, 2016 Darren Calvagna, konducent tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TAXI 039M, proprjetà ta’ l-attur Joseph Calvagna u

[3] Ara traskrizzjonijiet *a foll*. 228–234.

assikurata mas-socjetà attrici, kien ghaddej isuq fi 'Triq Profs. Walter Ganado' gewwa Pembroke[4] ghal habta ta' l-12:50 ta' wara nofsinhar.[5] Hu kien ghaddej f'tali triq, gej mid-direzzjoni tal-*pelican lights* li jaghtu ghall-*ground* ta' Luxol u sejjer fid-direzzjoni tal-lukanda Corinthia San Gorg. Abbord mieghu, dakinhar kellu zewg turisti bhala passiggieri. Meta kien ghaddej hekk isuq, sigra (jew fergha jew xi pjanta simili) li kienet imhawwla fuq ix-xellug tieghu, ossia f'dik is-*side verge*[6] li tifred 'Triq Profs. Walter Ganado' u 'Triq Manwel Decelis' (li huma toroq parallelli ghal xulxin[7]), inqalghet u waqghet ghal fuq 'Triq Profs. Walter Ganado', ezattament meta kien ghaddej Darren Calvagna.[8] Konsegwenti ghal din il-waqa', is-sigra (jew fergha jew xi pjanta simili) laqtet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TAXI 039M, misjuqa minn Darren Calvagna, u kkagunat danni fl-istess.[9]

Gjaladarba l-vettura kienet koperta b'polza *fully comprehensive*, l-assikrazzjoni attrici hallset ghad-danni riportati fl-ammont ta' €626.93c u giet surrogata fil-jeddijiet ta' l-assigurat, filwaqt li Joseph Calvagna, *qua* assigurat, hallas l-*excess payment* fl-ammont ta' €200.00c.[10] Fl-isfond ta' dawn l-avvenimenti, l-assikurazzjoni tal-vettura u l-istess assikurat, atturi f'dan il-procediment, jikkontendu li l-konvenuti, jew xi wiehed minnhom, huwa passabbli ghar-rizarciment tad-danni (fl-ammont globali ta' €826.93c) minhabba dan l-akkadut.[11]

Il-konvenuti kollha rrispondew, b'mod individwali u separat, ghal din l-allegazzjoni ta' responsabbilità u konsegwenti pretiza ta' hlas ta' danni, billi kollha rrezistew ghall-istanza attrici, b'xi uhud iwehhlu fl-iehor. *In via* preliminari, iz-zewg Kunsill Lokali konvenuti u l-Awtorità mharrka sostnew illi huma ma kienux il-legittimi kontraditturi gjaladarba l-incident *de quo* sehh f'zona u fi triq li ma taqax taht ir-responsabbilità rispettiva taghhom u li ghalhekk huma ma kienux tenuti jirrispondu ghall-ebda tip ta' htija u li, ghalhekk, ma kellhomx jikkumpensaw lill-

---

[4] Hawnhekk qed tigi senjalata l-lokalità ta' Pembroke peress li r-Rapport tal-Pulizija jindika tali lokalità (ara *a foll*. 4–6). Jekk l-imsemmija triq taqax jew le fl-imsemmija lokalità, din hi materja li ser tigi diskussa aktar 'l isfel fil-prezenti decizjoni.
[5] Ara rapport tal-Pulizija ezibit *a foll*. 4–6.
[6] "*The verge of a road is a narrow piece of ground by the side of a road, which is usually covered with grass or flowers*." ("Collins English Dictionary", 6th Edition, 2006; p. 1806). Ara fotografiji ezibiti *a fol*. 58, *a fol*. 64, *a fol*. 66 u *a fol*. 68 ghall-imsemmija *side verge*.
[7] Ara *aerial view* ezibita *a fol*. 69 ta' l-atti.
[8] Tali sigra tidher fil-fotografija ezibita *a fol*. 56 u *a fol*. 59 ta' l-atti.
[9] Ara fotografiji ezibiti *a foll*. 54–55, *a fol*. 57 u *a foll*. 60–62 ghall-hsarat fuq il-vettura.
[10] Dwar dan ara d-dokumentazzjoni relattiva u rilevanti ezibita minn George Stagno Navarra fl-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 97 *et seqq*.) u kif ukoll id-deposizzjoni ta' Darren Calvagna fl-udjenza tal-25 ta' April, 2018 (*a fol*. 48 *et seqq*.).
[11] Ghal dik li hi kompetenza tal-qrati ordinarji biex jiehdu konjizzjoni ta' kawzi bhal dik *de quo*, it-Tribunal jaghmel referenza, *inter alia*, ghad-decizjoni *in re* **Argus Insurance Agencies Ltd noe et v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Naxxar et** (Appell Inferjuri, 29 ta' Lulju, 2016) u d-decizjoni *in re* **Argus Insurance Agencies Ltd pro et noe v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Qrendi** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 6 ta' Gunju, 2018; konfermata *in toto* fl-appell fil-25 ta' Jannar, 2019).

atturi. Il-kumpannija kjamata in kawza issostni li l-istess incident ma garax minhabba xi ghemil kolpevoli taghha u li, ghalhekk, hi ma setatx twiegeb ghad-dannu allegat u ammont reklamat.

Fid-dawl tal-linja difensjonali tal-konvenuti, preliminarjament jehtieg li jsir ezercizzju biex jigi stabbilit min mill-erbgha entitajiet hawn citati *in gudizio* hija dik effettivament u realment responsabbli ghall-gestjoni, vigilar u manutenzjoni tal-parti tat-triq in kwistjoni ('Triq Profs. Walter Ganado'). Sussegwentement, stabbilit dan l-aspett preliminari tal-vertenza, ikun, naturalment, isegwi li jigi mistharreg l-istadju tar-responsabbilità (fis-sens ta' htija) ghall-incident mertu tal-vertenza u, jekk stabbilita tali htija, il-konsegwenti kundanna ghar-rizarciment (jekk ikun il-kaz).

It-Tribunal ser jibda' jitratta l-kwezit tar-responsabbilità gestjonali bis-segwenti osservazzjonijiet introduttivi ghat-tematika.

B'riflessjoni generika jintqal illi fil-ligi Ingliza nsibu Att legislattiv, ossia *The Highways Act 1980*, li jippreskrivi ghar-rigward tar-responsabbilità – f'sens ampju u mhux limitatament ghall-akkaduti sinistri – fil-konfront tat-toroq. Ghalhekk, f'Section 41(1) ta' l-imsemmi Att nsibu impost fuq "*the authority who are for the time being the highway authority for a highway maintainable at the public expense … a duty to maintain the highway*."[12] Inoltre, tali responsabbilità tinkludi l-gestjoni u l-manutenzjoni ta' l-istess toroq li hi mitfuha fuq spallejn l-Awtorità u/jew l-Awtoritajiet hemm dezinjati. Dan hu stabbilit f'disposizzjoni ohra li tghid illi l-Awtorità koncernata tista' tkun responsabbli *versu* persuna jekk din ta' l-ahhar tkun garrbet, "… *physical injury to person or property while using the highway when it was in a dangerous condition due to want of repair and maintenance*." Dan l-imsemmi Att jippreskrivi wkoll ghal certu eccezzjonijiet ghall-imsemmija responsabbilità u jistabbilixxi numru ta' difizi li l-Awtorità tista' tissolleva b'success *a sua discolpa*.[13]

Issa, fl-ordinament guridiku Malti ma nsibu xejn minn dan b'mod specifiku.[14] The *Highway Code* Malti[15] jirregola biss il-kondotta tal-utenti tat-triq[16] – kemm

---

[12] Silta mehuda minn "Clerk & Lindsell on Torts" [18th ed., Sweet & Maxwell (2000)], §7–209, p. 420.
[13] Bhal per ezempju, Section 58(2) ta' *The Highways Act 1980*.
[14] *vide* **Neil Cassar et v. L-Onor. Ministru tal-Intern** (Prim'Awla, 17 ta' Marzu, 2004).
[15] Fin-natura taghhom, ir-regoli hemm stabbiliti huma ta' semplici gwida ta' kondotta u fil-komportament prudenzjali waqt is-sewqan (fil-kaz ta' sewwieqa) u/jew meta fit-triq (fil-kaz tal-*pedestrians*) u mhux legalment vinkolanti ghal min huma ndirizzati, a differenza, per ezempju, tal-"*Codice della Strada*" Taljan illi hu legislazzjoni vera u proprja. Dwar dan ara s-sentenza *in re* **Richard Matrenza v. Francois Farrugia** (Appell Civili, 16 ta' Lulju, 1986; mhux pubblikata).
[16] B'ezemplari, fost il-bosta fih misjuba, wiehed jirreferi ghar-Regolament numru 187 li jirrikmanda kalma u l-uzu tal-prudenza waqt is-sewqan u r-Regolament numru 216 li jitkellem dwar sewqan attent u bil-galbu u dwar ir-rispett lejn

sewwieqa u kemm *pedestrians* – izda huwa sieket fil-konfront tar-responsabbilità ghall-gestjoni, sorveljanza u manutenzjoni tat-toroq tal-pajjiz. Hekk kif ser jintwera *infra*, fl-ordinament patriju nsibu diversi legislazzjonijiet li jfasslu u jiddelegaw diversi kompetenzi fuq numru differenti ta' entitajiet li jistghu jew li ma jistghux ikunu idoneji. Kollox jiddependi mill-fattispecji tal-kaz, ta' l-agwata, tan-natura tat-triq, *ecc*. Ghalhekk, f'dan l-ambitu, rikors jittiehed ghal dawk il-principji ta' applikazzjoni generali li johorgu mill-kamp tal-ligi privata hekk kif delinejati principalment fil-Kodici Civili, minn dawk id-*dicta* illi jemergu mill-gurisprudenza lokali u ankè minn kwalsiasi ligi ohra ta' natura partikolari jew specjali li sservi sabiex tirregola tali sitwazzjoni.[17]

Qabel ma tinstab htija ghall-akkadut, jrid jigi stabbilit fuq min taqa' r-responsabbilità ta' gestjoni, ta' sorveljanza u ta' manutenzjoni tat-triq *de quo* fejn sehh l-incident lamentat mill-atturi u li sehh minhabba sigra mizrugha f'*side verge* li spiccat biex waqghet ghal fuq karozza li f'dak il-mument kienet qed titranzita l-imsemmija triq.

Ghalhekk, mit-tematika generika tar-responsabbilità gestjonali tat-toroq, it-Tribunal issa jghaddi biex iraqqaq l-istharrig tieghu ghall-kwezit tar-responsabbilità superviziva u gestjonali tat-triq mertu ta' dan il-kaz.

Dwar dan l-aspett partikolari li jehtieg li jigi definit, ossia min mill-konvenuti ghandu jwiegeb di fronti ghall-istanza u pretiza attrici, it-Tribunal josserva dan.

Insibu ritenut illi, "*se il processo è necessario alle parti, le parti sono necessarie al processo*" (**Girolamo Monteleone**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol.I, CEDAM 2007; p. 150). B'din il-massima wiehed jifhem illi l-process, minn naha, u l-partijiet ghalih, minn naha l-ohra, huma zewg ingredjenti organici u simultanji li ghandhom jikkoezistu vicendevolment u fl-istess mument. Mhux biss hu importanti li jkun hemm process li javvolgi lill-partijiet, izda li tali process ikun instawrat bejn il-partijiet idoneji, peress li huma l-partijiet li joholqu l-kontradittorju,[18] li hu l-process gudizzjarju.[19] Agguntivament, hu mpellenti li f'kull

---

awtisti ohra. Addizzjonalment, ai termini tar-Regolament numru 12 tal-Kodici ghat-"Traffiku fit-Triq" (edizzjoni Settembru, 2011) hemm rakkomandat illi, "*It-triq hija l-post fejn il-veru manjieri ta' ndividwu, kemm jekk ikun isuq vettura bil-mutur u kemm jekk ikun pedestrian, jitqieghdu ghall-prova. Uri kortesija fit-triq. Rari tinqala' disgrazzja illi ma tkunx ikkagunata jew li ma ssirx, direttament jew indirettament, minhabba nuqqas ta' kortesija fit-toroq*."

[17] *vide* **Patrick Bezzina et noe v. Il-Ministru tal-Edikazzjoni u Risorsi Umani** (Prim'Awla, 20 ta' Ottubru, 2005).

[18] Il-**Foramiti** jiddefinixxi l-kontradittorju bhala "*tuttio ciò che si fa in presenza delle parti interessate*" ("Enciclopedia Legale" Vol: II, Napoli 1864; vuci: "contradittorio" p. 392) filwaqt li **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p. 344) jmur naqra oltre u jikteb illi, "*il contradittorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*." Riflessjoni ta' dan it-taghlim hu mhaddan mill-qrati taghna *in re* **Mary Magdalene Symes et v. Robert Eder et** (Appell Civili, 13 ta' Gunju 1980) fejn inghad: "*il-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju*" u anke *in re* **Scicluna v.**

azzjoni dejjem tigi ndividwata l-kontro-parti u cioè "*colui che essendo titolare della situazione giuridica contrapposta a quella fatta valere dall'attore, ha reale e concreto interesse di opporsi ad essa e chiedere rigetto*" (**GIROLAMO MONTELEONE**, *ibid*.). Dan hu hekk ghax, "*lo stare in giudizio è un atto di somma importanza, che richiede, così nell'attore, come nel convenuto, una speciale capacitá.*" (**LUIGI MATTIROLO**, "Trattato di Diritto Giudiziario Civile", Torino, 1894; Vol. II, p. 6).[20]

Din mhux nozzjoni gdida jew fenominu guridiku modern, izda hu wiehed antikament rikonoxxut. Infatti nsibu mghallem minn **LODOVICO MORTARA** ("Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile", 3ª ed. 1926; Vol. II, §496; pp. 630–631) illi, "*La capacità processuale va considerata sotto due aspetti: come capacità, cioè di agire o di stare in giudizio. L'espressione «capacità di agire in giudizio» serve a indicare l'attitudine giuridica di un soggetto ad essere «parte in giudizio». L'espressione «capacitá di stare in giudizio» indica invece l'attitudine all'esercizio legale della predetta capacità ... Tanto l'una che l'altra delle espressioni menzionate, e quindi anche il tema dell'attuale ricerca, si riferiscono alla capacità processuale attiva e passiva, cioè di attore come di convenuto, d'intervenuto, di chiamato in garantia, ecc ... si ricava, adunque, che la condizione fondamentale per la capacità di agire in giudizio è la normale capacità di possedere diritti, essere cioè soggetto di diritti; e che la condizione parimenti fondamentale per la capacità di stare in giudizio è quella di avere il libero esercizio dei diritti, ovvero di supplirvi con le forme integrative o abilitative stabilite dalle leggi*."

Insenjamenti ulterjuri tal-**MORTARA** fuq it-tematika *de quo* jinsabu riportati fis-sentenza *in re* **Bernard Zammit v. Emmanuele Formosa et** (Appell Superjuri,

---

**Azzopardi** (Appell Civili, 3 ta' April 1964) fejn inghad: "*Evidentement, id-dikjarazzjoni ta' dik l-istess domanda mitluba kienet tolqot is-sidien kollha, kompriz dak li ma ssemmiex fl-okkju tal-kawza ghaliex anke dan kien legittimu kontradittur. Kif inhu sew maghruf biex gudizzju jkun integru hu necessarju l-presenza tal-interessati kollha*." L-istess hsieb gie abbraccjat sa ricenti hafna *in re* **Karin Spiteri Maempel et v. L-Avukat Susan Lena Mercieca et** (Prim'Awla, 14 ta' Novembru, 2017).

[19] Dan hu s-sens tan-nozzjonijiet ta' «legittimazzjoni attiva» (ghall-ttur) u «legittimazzjoni passiva» (ghall-konvenut) kodifikati fl-Art. 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

[20] F'dan l-istadju t-Tribunal jippreciza illi ser issir referenza ghad-duttrina u awturi esteri peress illi fin-nuqqas ta' lluminazzjoni mill-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali barrani. Dan l'ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubbikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez.* Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez.* Vol.VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez.* Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*".

11 ta' Gunju, 1948) fejn hemm sostnut hekk: "*il convenuto deve essere il contradittore legittimo alla domanda dell'attore, cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell'attore ... Solo chi è in questa situazione, o vi appare in virtù dell'asserzione dello attore, può stare contro di lui in giudizio, perché eventualmente può avere utilitá a far respingere l'istanza contenuta nell'azione*." L-istess identiku taghlim gie wkoll abbraccjat fis-sentenza *in re* **Kavallier Lawrence Darmanin noe et v. Marcel Mifsud noe** (Appell Superjuri, 13 ta' Mejju, 1992; mhux pubblikata).

It-Tribunal ighaddi issa biex jindividwa min mill-imharrkin f'din il-kawza ghandu jwiegeb ghall-azzjoni attrici.

It-triq fejn sehh l-incident hija 'Triq Profs. Walter Ganado', apparentement gewwa l-lokalità ta' Pembroke. Ta' ghajnuna jkun li fl-ewwel lok niddefinixxu jekk l-imsemmija triq hijiex wahda arterjali u/jew wahda distributorja. Id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg dezinjazzjonijiet hija li toroq arterjali generalment ikunu *dual-carriageway*, jigifieri toroq li jkunu wiesgha bizzejjed biex ikun hemm zewg *lanes* ghat-traffiku fuq kull naha tat-triq. Dawn it-tip ta' toroq jinghaqdu mà toroq ohra li jkunu ta' grad differenti. In-*network* tat-toroq arterji jintuzaw minn karozzi tal-linja fuq rotot twal izda m'ghandhomx jintuzaw ghall-parkegg ta' karozzi jew biex ikun hemm access dirett ghal proprjetajiet individwali. Min-naha l-ohra, toroq distributorji iservu biex jaghtu access ghat-toroq arterji. Toroq distributorji ghalhekk jintuzaw primarjament ghal traffiku lokali jew distrettwali. Il-bicca l-kbira tar-rotot tal-karozzi tal-linja juzaw it-toroq distributorji. Dawn it-toroq iservu wkoll ta' access ghal xi proprjetajiet. Normalment toroq distributorji jkollhom *carriageway* wahda. Il-parkegg f'dawn it-toroq distributorji ghandu jkun kemm jista' jkun ristrett.[21]

L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ezebiet dokumentazzjoni illi turi li 'Triq Profs. Walter Ganado' m'hijiex triq arterjali u lanqas wahda distributorja. F'dan is-sens hi ezebiet lista[22] ta' toroq arterjali u distributorji f'Malta li taghhom hija responsabbli l-istess Awtorità u f'tali lista m'hemmx il-lokalità ta' Pembroke elenkata (ahseb u ara 'Triq Profs. Walter Ganado'). Fl-istess lista, ghalkemm hemm indikata l-lokalità ta' San Giljan, 'Triq Profs. Walter Ganado' m'hijiex

---

[21] *vide* decizjoni arbitrali moghtija fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg *in re* **GasanMamo Insurance Limited pro et noe et v. Kunsill Lokali Attard et** moghtija fil-11 ta' Frar, 2008 [*ref.* M786/2006] fejn hemm senjalata din id-deskrizzjoni u ara wkoll decizjoni *in re* **Elizabeth Psaila et v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 3 ta' Dicembru, 2014).

[22] *vide* "Dok: BF.2" ezebit fl-udjenza tal-11 ta' Frar, 2019 (*a foll*. 170–173). Tali lista hija wkoll accessibbli minn fuq il-*website* ta' l-Awtorità fuq http://www.transport.gov.mt/admin/uploads/media-library/files/2017_01%20AD%20List.pdf

menzjonata. Rapprezentant ta' din l-Awtorità xehed ukoll illi, "*Mir-ricerka li ghamilt jirrizulta li din it-triq ma hijiex arterjali u distributorja u ghaldaqstant ma taqax taht is-setgha ta' Transport Malta*"[23] u "*La darba t-triq ma tkun arterjali u distributorja allura l-awtorità ma jkollhiex kif hemm fil-fatt fuq l-estratt li mill-avviz legali l-manutenzjoni ma taqax taht il-kompetenza ta' l-awtorità.*"[24]

Dan ir-rapprezentant ghamlet ukoll referenza ghall-Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta intitolata "Att Dwar Gvern Lokali".[25] Fost hwejjeg ohra, din il-legislazzjoni tidentifika l-konfini tal-lokalitajiet kollha madwar Malta u Ghawdex. B'riferiment ghat-Tieni Skeda fit-test tal-Ligi Maltija (ghax it-test Ingliz jirreferi ghal-ligi bit-test Malti ghar-rigward tal-mappep tal-lokalitajiet u l-konfini taghhom) il-mappa tal-konfini tal-lokalità ta' Pembroke[26] ma turi l-ebda triq arterjali u lanqas wahda distributorja gewwa l-istess konfini. L-istess jista' jinghad ghall-lokalità ta' San Giljan[27], *eccetto* ghal triq wahda li m'ghandha xejn x'taqsam mal-mertu tal-prezenti vertenza.

Minn dak fuq espress johrog illi 'Triq Profs. Walter Ganado' m'hijiex triq arterjali u lanqas m'hi wahda distributorja.

Issa, min hu responsabbli ghaz-zamma (manteniment) ta' toroq arterjali u ohrajn distributorji?

Is-sub-paragrafi (b) u (j) ta' l-Art. 7 ta' l-"Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta" (Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdu kif gej dwar is-setghat u l-funzjonijiet taghha fir-rigward ta' toroq: "*Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u ferroviji u t-trasport stradali u bil-ferrovija: …… (b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u lformazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti: Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim*

[23] *a fol*. 166.
[24] *a fol*. 167. Ara wkoll deposizzjoni ta' Dr. Daniel Saliba fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2019, senjatament *a tergo* ta' *fol*. 144.
[25] *a tergo* ta' *fol*. 166.
[26] *website link* fid-09.11.2019: http://justiceservices.gov.mt/MediaCenter/PDFs/Kap%20363/46%20p_broke.pdf
[27] *website link* fid-09.11.2019 : http://justiceservices.gov.mt/MediaCenter/PDFs/Kap%20363/52%20sgiljan.pdf

*dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità ... ... (j) li tippjana, tiddisinja, tirregola u tawtorizza s-sinjali jew tabelli tat-traffiku fittoroq, marki fit-toroq u miżuri għall-ikkalmar tat-traffiku, l-istallazzjoni ta' apparat għall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jaħdem bid-dawl, il-kostruzzjoni ta' stoffi fit-toroq, u l-istallazzjoni ta' cameras tal-veloċità u faċilitajiet oħra tat-traffiku fit-toroq għal skopijiet ta' immaniġġar u kontroll tat-traffiku*."

Skond ir-Regolament 2 ta' l-Avviz Legali 29 ta' l-2010 kif emendat ("Regolmenti ta' l-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq"),[28] "*triq lokali*" hi maghmula tfisser "*triq pubblika li ma tkunx triq arterjali jew triq distributorja*." Inoltre, "*manutenzjoni ta' rutina f'toroq*" tfisser, skond dan l-Avviz Legali, "*azzjonijiet li jittiehdu fuq bazi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinzammu fi stat sigur u tajjeb ghall-uzu, azzjonijiet li jittiehdu biex fejn possibbli triq ma tithalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li jittiehdu biex il-wicc ta' triq u l-gnub taghha jingiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, izda mhijiex limitata ghal, mili ta' hofor* ...". Ir-Regolament 3(1) ta' dan l-Avviz Legali jistabbilixxi li, "*L-Awtorità ghandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriza, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, twessiegh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq:* ***Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali***."

Minn dawn is-siltiet legislattivi, jidher li l-Awtorità konvenuta hija responsabbli ghat-toroq klassifikabbli bhala arterjali u distributorji. Gjaladarba 'Triq Profs. Walter Ganado' m'hijiex la triq arterjali u lanqas wahda distributorja, jiddixxendi li l-Awtorità konvenuta ma twegibx ghaz-zamma ta' tali toroq hekk klassifikabbli, izda – hekk kif dispost fl-ahhar citata disposizzjoni ta' l-Avviz Legali – "*il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni*" ta' toroq li mhux arterjali u distributorji "*ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali*."

Mela allura, jidher li l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorità konvenuta hi meritevoli t'akkoljiment stante li, kif eccepit minnha, "*it-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax taht il-kompetenza tal-Awtorità esponenti*."

Skartata l-Awtorità konvenuta mix-xenarju ta' responsabbilità ghal dak li jikkoncerna z-zamma (ossia, setgha gestjonali jew amministrattiva) ta' 'Triq

[28] Ligi Sussidjarja 499.57 tal-Ligijiet ta' Malta.

Profs. Walter Ganado', jifdal li l-attenzjoni ddur fuq il-konvenuti l-ohra, u cioè fuq iz-zewg Kunsill Lokali konvenuti u fuq il-kumpannija kjamata in kawza.

Wiehed jibda' biex jindividwa f'liema konfini territorjali ta' liema mill-Kunsill konvenut 'Triq Profs. Walter Ganado' taqa' u dan fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet minnhom stess imqanqla dwar dan l-aspett. Dan l-aspett kien wiehed ferm kumbattut bejn l-imsemmija kunsilli. L-eccezzjonijiet taghhom, *inter alia*, jitkellmu li z-zona specifika fejn sehh l-incident taqa' fil-parti tal-kunsill l-iehor u mhux f'dak proprju. Tali dibattutu tkompla fil-kors tal-proceduri, fejn issejjhu xhieda li prezentaw numru ta' dokumenti.

It-Tribunal ikollu jistqarr li dan l-aseptt tal-procediment, ghall-bidu, habbtu mhux ftit. Dan huwa hekk l'ghaliex il-provi ezibiti mill-Kunsilli Lokali konvenuti deheru, *prima facie*, totalment divergenti dwar l-istess aspett tal-vertenza. Lil hinn mill-fehma tax-xhieda prodotti mill-imsemmija partijiet, il-provi dokumentarji mressqa – li wiehed jistenna li jkunu ta' natura sobrija u oggettiva – mad-daqqa t'ghajn juru xenarju alkwantu konfuz jekk 'Triq Profs. Walter Ganado' tirrijentra fil-konfini ta' lokalità jew f'ta' ohra. Madanakollu, minn ezami aktar akkurat, tali konfuzjoni tisparixxi.

Hemm provi (imressqa mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke) li juru li 'Triq Profs. Walter Ganado' taqa' fil-perimetru territorjali ta' San Giljan. Hawnhekk issir referenza ghas-segwenti provi:

**(a)** id-dokumentazzjoni ezibita minn Savio Borg, rapprezentant tal-Kummissjoni Elettorali, li quddiem dan it-Tribunal[29] offra spjegazzjoni dwar il-konfini bejn lokalità u ohra u kif ukoll, abbazi ta' dokumentazzjoni[30], ikkonferma li 'Triq Profs. Walter Ganado' taqa' entro l-konfini tal-lokalità ta' San Giljan;

**(b)** id-dokumetazzjoni ezibita minn Dr. Daniel Saliba, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, in kongunta mad-deposizzjoni tieghu[31], li tindika illi 'Triq Profs. Walter Ganado' taqa' gewwa l-lokalità ta' San Giljan;[32]

---

[29] *vide* deposizzjoni ta' l-udjenza tal-21 ta' Novembru, 2018 *a foll*. 122–126.
[30] *vide* "Dok SB2" (mappa tal-Planning Authrority) *a fol*. 128, u "Dok. SB3" (mappa ta' San Giljan) *a fol*. 129 u "Dok: SB.4" (mappa ta' Pembroke) *a fol*. 130.
[31] *vide* deposizzjoni ta' l-udjenza tal-23 ta' Jannar, 2019 *a foll*. 135–149.
[32] *vide* pjanta *a fol*. 152 u pjanta *a fol*. 157. Ara wkoll pjanata immarkata bl-isfar mix-xhud *a fol*. 21.

**(c)** id-deposizzjoni ta' Kevin Borg, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke[33], illi, fid-dawl tad-deposizzjonijiet ta' Savio Borg u ta' Dr. Daniel Saliba u d-dokumenti minnhom ezibita, jindika li 'Triq Profs. Walter Ganado' taqa' gewwa l-lokalità ta' San Giljan.

Imbgahad hemm provi ohra (imressqa mill-Kunsill Lokali ta' San Giljan) li apparentement juru li 'Triq Profs. Walter Ganado' taqa' fil-perimetru territorjali ta' Pembroke. Hawnhekk issir referenza ghas-segwenti provi:

**(a)** id-deposizzjoni ta' Paul Spiteri, Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan[34], illi ezibixxa dokumentazzjoni simili ghal dik prodotta minn Savio Borg u ta' Dr. Daniel Saliba, izda li turi illi 'Triq Profs. Walter Ganado' taqa' gewwa l-lokalità ta' Pembroke.[35]

Izda din id-diskordja hi purament wahda superficjali, peress li ezami aktar diligenti u akkurat tad-dokumenti jirrizolvi l-kwezit b'mod definittiv.

Ghat-Tribunal, id-dokumenti ezibiti mill-Kunsill Lokali ta' San Giljan ma jurux sewwa sew il-qaghda fattwali kif inhi. Jidher fil-pjanta ezibita mill-indikat Kunsill[36] – u fejn hemm miktub fuqha 'Triq Profs. Walter Ganado' – illi din tidher ferm lil hinn minn 'Triq Manwel Decelis', meta fir-realtà 'Triq Profs. Walter Ganado' tigi parallella u taht 'Triq Manwel Decelis' u, da parti taghha, 'Triq Manwel Decelis' tigi parallella u taht 'Triq l-Imhallef William Harding', ossia wahda taht l-ohra. Inoltre, fejn Paul Spiteri indika fejn tigi 'Triq Profs. Walter Ganado' fuq il-pjanta minnu prodotta, hu indika parti tat-triq fejn jidher isem it-triq fuq il-pjanta, izda mhux iz-zona specifika ta' l-istess triq fejn sehh l-incident odjern. 'Triq Profs. Walter Ganado' hi wahda twila li f'certu bnadi hi parti minn San Giljan u bnadi ohra taqa' f'Pembroke (hekk kif sostna Savio Borg[37]). Li tindika (b'cirku ahmar) it-triq fejn habat jigi amministrattivament imnizzel (printjat) isimha fuq il-pjanta ma jrendix l-istess triq taqa' fil-Kunsill Lokali ta' Pembroke, sempliciment, u ghax accidentalment, isem it-triq dattilografikament tnizzel f'zona tal-pjanta li hi parti mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke. Jekk wiehed kellu jezamina sew il-pjanta ezibita minn Paul Spiteri[38] wiehed jintebah illi 'Triq Profs. Walter Ganado' testendi lil hinn minn fejn hu mmarka, u l-istess tkompli sejra ghal taht, u tigi parallella ghal, 'Triq Manwel Decelis'.[39] F'dik iz-zona specifika il-linja sewda ta' demarkazzjoni bejn

---

[33] *vide* deposizzjoni ta' l-udjenza tal-23 ta' Jannar, 2019 *a foll.* 159–163.
[34] *vide* deposizzjoni ta' l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2019 *a foll.* 174–181.
[35] *vide* pjanta *a fol.* 183 u pjanta *a fol.* 184.
[36] *a fol.* 184.
[37] *vide* senjatament *a tergo* ta' *fol.* 123.
[38] *a fol.* 184.
[39] Dan ir-ragunament johrog ukoll mill-kontro-ezami relattiv ta' Paul Spiteri, senjatament *a fol.* 181 *et seqq.*

Kunsill Lokali (San Giljan) u iehor (Pembroke) tindika bi vleggeg kbar[40] li mill-imsemmija 'Triq Manwel Decelis' 'l isfel[41] (u allura inkluza 'Triq Profs. Walter Ganado'), tirrijentra fil-konfini tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan. Inoltre, l-istess Paul Spiteri ezibixxa pjanta ohra[42] li fuqha hemm impingi, bil-kompjuter, linja hoxna ta' kulur orangjo u bi vleggeg iharsu fid-direzzjoni tal-lokalità ta' Pembroke. Minn fejn oggettivament tirrizulta tali linja ta' lewn orangjo baqa' fatt mistur u mhux dikjarat minnu waqt id-deposizzjoni tieghu. It-Tribunal jiehu l-impressjoni li tali linja bl-orangjo bi vleggeg f'direzzjoni partikolari (iharsu lejn Pembroke) aktar donnha saret b'mod *ad hoc* biex tigi sorretta l-verzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan f'dawn il-proceduri milli biex tassew turi qaghda ufficjali u oggettiva tal-fizjonomija fattwali u gurdika tas-sitwazzjoni.

Ghalhekk, minn ezami olistiku u komparattiv tal-pjanti u tal-mappep kollha tal-konfini tal-lokalitajiet ta' Pembroke u ta' San Giljan u kif johrog mill-legislazzjonijiet specifici, jirrizulta ghal dan it-Tribunal illi 'Triq Profs. Walter Ganado', senjatament fejn sehh is-sinistru mertu ta' dawn il-proceduri, tirrijentra fil-konfini tal-lokalità ta' San Giljan.

Stabbilit li din il-parti ta' 'Triq Profs. Walter Ganado' tirrijentra fil-konfini tal-lokalità ta' San Giljan, hija konsegwenzjali l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke peress li qed nitkellmu fuq oggett (jew ahjar, parti minnu) li ma jirrijentrax fil-perimetru gestjonali tieghu.

Ghalhekk il-prezenti diverbju jissokta fil-konfront tar-rimanenti zewg imharrka, ossia l-Kunsill Lokali ta' San Giljan u l-kumannija kjamata in kawza, Environmental Landscaping Consortium Limited.

Hawnehkk it-tematika hija din: min minn dawn iz-zewg konvenuti kellu d-dover jew id-dmir jew l-obbligu ta' gestjoni u ta' manutenzjoni tas-sigra jew pjanta mizrugha f'*side verge* li spiccat biex waqghet ghal fuq l-imsemmija zona tat-triq? Ta' bilfors li hawnhekk wiehed jrid jezamina l-funzjoni u s-setghat ta' dawn iz-zewg rimanenti konvenuti.

It-Tribunal ikompli jikkunsidra;

---

[40] Dwar is-sinnifikat ta' tali vleggeg, wiehed hu mistieden jara d-deposizzjoni ta' Savio Borg (*a tergo* ta' *fol*. 125 *et seqq.* ) u ta' Dr. Saniel Saliba (*a tergo* ta' *fol*. 139 *et seqq.*).
[41] Tali linja sewda bi vleggeg tidher li tibda' mill-faccati tar-residenzi fi 'Triq Manwel Decelis' 'l isfel, direzzjoni lejn 'Triq Profs. Walter Ganado'.
[42] *a fol*. 183.

Huwa naturali, u kif ukoll mistenni, li kwalsiasi Kunsill Lokali hu vestit b'dover generali li jiehu hsieb l-oggetti li jaqghu fil-konfini territorjali tieghu.

L-Art. 2 ta' l-"Att dwar il-Kunsilli Lokali" (Kapitolu 363 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddefinixxi "*triq*" bhala "*tinkludi kull triq, sqaq, misraħ, pont, xatt il-baħar, moll, jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku.*" L-ewwel sub-inciz ta' l-Art. 33 ta' l-appena msemmi Kapitolu jipprovdi, *inter alia*, li, "*Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu ... (a) li tipprovdi, fir-rigward ta' kwalunkwe triq, għajr triq li r-responsabbiltà fir-rigward tagħha hija vestita f'Infrastruttura Malta skont it-termini tal-Att tal-2018 dwar l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta jew kwalunkwe regolamenti magħmula taħtha, iż-żamma u l-manutenzjoni, jew it-titjib tal-istess, u li tipprovvdi u żżomm sinjali stradali u marki stradali adegwati, skont standards nazzjonali u internazzjonali: Iżda l-manutenzjoni relatata ma' kwalunkwe triq imsemmija f'dan il-paragrafu, tinkludi t-tiswija tal-irqajja' u l-kisi mill-ġdid tal-wiċċ tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha; ... (b) fir-rigward ta' kwalunkwe triq, li tipprovdi l-knis, tindif u* ***qtugħ ta' ħaxix ħażin****, tindif ta' sinjali stradali u dwal stradali, il-ġbir u t-tneħħija ta' kull skart, iż-żamma tal-indafa u l-manutenzjoni u ż-żamma tal-konvenjenzi pubbliċi kollha, tal-bramel taż-żibel u ta' reċipjenti oħra għad-depożitu temporanju u għall-ġbir ta' skart u li taċċerta li dawn huma kollha aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti; ... (c) li jipprovdi li jsiru, jinżammu fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' playgrounds tat-tfal,* ***ġonna pubbliċi*** *u ċentri oħra, ta' sport, kultura jew divertiment ieħor, u bħala parti minn skema nazzjonali biex jamministra libreriji lokali u tara li dawn ikunu, sa fejn hu possibbli, aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti; ... (q)* ***li ħarsu l-ambjent naturali*** *u urban tal-lokalità u jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jassiguraw użu aktar effiċjenti tal-enerġija, immaniġġar tajjeb tal-iskart u inizjattivi għat-tħaris tal-klima; ... (z) li jipprovdi għal dawk ix-xogħlijiet, oġġetti, ħwejjeġ u servizzi l-oħra kollha li m'humiex esklużi mill-kompetenza ta' Kunsill b'xi liġi li tkun fiż-żmien isseħħ u li ma jkunux mogħtija lil xi awtorità oħra.*"

Minn dan l-elenku – salv fejn espressament specifikat mod iehor – johrog id-dmir generali tal-Kunsill Lokali li bhala *bonus pater familias* jindokra u jiehu hsieb l-affarijiet li jirrijentraw gewwa l-parametri tal-lokalità. Ghalkemm *side verges*, ossia *soft areas*, bhal kif ghandna fil-kaz taghna, m'humiex espressament annoverati, minn qari olistiku tal-poteri, tad-doveri u tal-funzjonijiet ta' Kunsill Lokali,[43] wiehed ma jistax jargumenta li dawn huma awtomatikament eskluzi mis-

[43] It-Tribunal ifakkar il-massima ta' "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio", u cioè illi kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar ottenuta (*optima interpretatio*) meta kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Riflessjoni ta'

setghat ta' vigilanza, ta' supervizjoni u ta' gestjoni tal-istess Kunsill (dejjem salv fejn l-istess oggett huwa eskluz mis-setgha gestjonali tieghu). B'mod ampju jigi arguwit illi hekk kif Kunsill Lokali ghandu d-dmir li jindokra triq fil-lokalità tieghu, huwa naturali li bhala *bonus pater familias* ukoll jippresta attenzjoni ghal oggetti accessorji, adjagenti u/jew fil-vicinanzi li jincidu fuq il-haga principali. Dan iwassal lit-Tribunal idawwar harstu ghall-applikazzjoni tal-principju ta' "accessorium sequitur principale". F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi bil-kelma "accessorium" (minn "accessio") wiehed ghandu jifhem haga li qeghda taggungi ruhha ma' ohra u l-ligi, senjatament fl-Art. 574 tal-Kodici Civili, tiskjarixxi dan il-kuncett billi taghtina idea dwar il-funzjoni ta' l-oggett accessorju fil-konfront ta' l-oggett principal b'dan il-kliem: "*Titqies parti prinċipali dik li magħha l-oħra tkun ġiet imgħaqqda biss għall-użu, għat-tiżjin, jew sabiex tagħmilha kompluta*." F'dan is-sens, u sa fejn rilevanti, wiehed jirreferi ghad-decizjoni *in re* **Alfred Anastasi noe v. Anthony Camilleri, O.b.e. noe** (Prim'Awla, 15 ta' April, 1964).

Aktar kmieni rajna li s-*side verge* f'parti ta' 'Triq Profs. Walter Ganado' li fiha sehh is-sinistru lamentat taqa' fil-parametri genstjonali tal-Kunsill Lokali ta' San Giljan. Bhala konsegwenza, dik iz-zona hi, generalment, responsabbilità ta' l-istess Kunsill Lokali li jivvigila fuqha u, jekk ikun hemm htiega, jattiva ruhu sabiex jiehu hsiebha. Dik iz-zona taqa' fil-kustodja ta' l-imsemmi Kunsill Lokali u bhala tali tirresponsabilizzah.

Sitwazzjoni pjuttost analoga ghal dik in ezami giet trattata fil-kawza *in re* **Fogg Insurance Agencies Limited v. L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Ottubru, 2016). F'dak il-kaz ukoll kienet waqghet fergha ta' sigra fi triq (gewwa l-lokalità tal-Birgu) li kkawzat hsara fuq vettura (li kienet ipparkjata). Il-qorti tat-tieni grad kienet iddecidiet dak il-kaz billi sabet li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kellu jwiegeb ghall-hsara sofferta. Il-brani minn tali sentenza li jinteressawna ghall-kaz prezenti huma dawn: "*Hu essenzjali li sigar li hemm fit-toroq, minn zmien ghal zmien jigu ezaminati biex minnhom jitnehhew dawk il-partijiet li fihom hsara, jew li huma mejta, morda jew li minhabba d-daqs tal-frieghi jkunu ta' periklu. Sfortunatament f'pajjizna tonqos kultura ta' sahha u*

---

dan, fost ohrajn, jinsab rakkjuz fis-sentenza *in re* **Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et** (Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). Ghalhekk, disposizzjoni m'ghandiex tinqara u tigi nterpretata *in lontananza* mill-kuntest shih tal-legislazzjoni li tabbraccjha stante li, "*Naturalment wiehed ma jistghax iwarrab minn quddiem ghajnejh il-kontest kollu tal-ligi in kwistjoni u ligijiet ohra li jistghu jkunu rilevanti: «tota lege perspecta»* " (**Grazio Pace v. Vivian De Gray noe**, Appell Superjuri, 25 ta' April, 1969; mhux pubblikata). Dan ir-ragunament irribadietu s-sentenza fl-ismijiet **L. & A. Camilleri Limited v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001; mhux pubblikata) fejn intqal illi, "*fil-waqt illi l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfissirx illi s-sinnifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghal interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha. Principji dawn li japplikaw fl-interpretazzjoni ta' kull disposizzjoni ta' dritt ...*" (ara wkoll **Mary Anne Borg et v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, Appell Inferjuri, 9 ta' April, 2010).

*sigurta. Hu essenzjali li jigi ppjanat programm ta' spezzjoni li jassigura li s-sigar f'postijiet pubblici huma spezzjonati kemm hu necessarju. Spezzjoni li ghandha ssir minn persuni li jifhmu fil-qasam tas-sigar u dan ghandu jwassal biex isir risk assessment. Il-Kunsill kellu l-obbligu li jiehu passi ragonevoli biex inaqqas ir-riskji. Hu proprju ghalhekk li hemm il-bzonn li minn zmien ghal zmien issir spezzjoni minn persuna li tifhem f'dan il-qasam, bhal arborist. Hu evidenti li fil-kaz in ezami dan l-ezercizzju ma kienx qieghed isir mill-Kunsill* [ ... ... ... ] *L-incident sehh mhux minhabba kaz fortuwitu izda minhabba li l-Kunsill baqa' passiv u ma kien qiegħed jagħmel l-ebda xogħol ta' manutenzjoni fis-sigar*."

Sa hawnhekk, ir-responsabbilità ittendi tinklina lejn u taqa' fuq il-Kunsill Lokali ta' San Giljan. Izda kull kaz ghandu l-fattezzi singolari u l-aspetti pekuljari tieghu "*u element fattwali wiehed jista' jkun bizzejjed biex jaghmel id-differenza minn kaz ghall-iehor*." (**C. Fino & Sons Limited v. Mario Gauci et**, Appell Inferjuri, 13 ta' Gunju, 2007).[44] Dan qed jigi hekk puntwalizzat ghax fid-dinamika tal-prezenti kaz tidhol enti ohra, ossia l-kumpannija kjamata in kawza, "Environmental Landscaping Consortium Limited", li apprentement hi responsabilizzata li tissorvejla u tmanti zoni partikolari rijentranti fil-konfini ta' certu Kunsilli Lokali, inkluz dak ta' San Giljan.

Ghalhekk, ikun floku illi hawnhekk tigi individwata l-funzjoni tal-kumpannija kjamata in kawza, Environmental Landscaping Consortium Limited.

L-imsemmija kumpannija tagixxi bhala speci ta' sub-kuntrattur (jew *lunga manus*) ta' Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP). B'mod wiesgha, hija din ta' l-ahhar li taghti struzzjonijiet lil dik ta' l-ewwel x'ghandu jsehh f'zoni partikolari madwar Malta u Ghawdex.[45] Skond il-*website* "environment.gov.mt"[46] hemm indikat illi, "*Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) started its operations on the 1st November 2002 on the verge of the first Public Private Partnership (PPP) signed between the Government and the Environmental and Landscaping Consortium Ltd (ELC). The consortium took over the responsibilities of landscaping sites previously managed by the Rural*

[44] F'dan is-sens wiehed jirrikjama t-taghlim gurisprudenzjali li jghid li hu *ius receptum* illi "*kull kaz ghandu fattispeci pekuljari ghalih u ma jkunx gust illi l-mertu tieghu ma jkunx ezaminat* a se stante *u deciz fuq il-fatti ottenuti. Fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja, c-cirkustanzi individwali ta' kull kaz ma jistghux jigu injorati jew evalwati b'mod irrigidit u nflessibbli*." (**Andrew Briffa v. Direttur tas-Sigurtà Socjali**, Appell Inferjuri, 1 ta' Novembru, 2006). Fuq l-istess stregwa kienet id-decizjoni *in re* **Loris Bianchi pro et noe v. John Vella** (Appell Inferjuri, 9 ta' Mejju, 2007) fejn intqal illi, "*Tajjeb dejjem, però, li jinzamm in mira illi kull kaz ghandu l-fattispeci pekuljari tieghu u dawn iridu jigu mistharrga fuq il-meriti jew id-demeriti taghhom*" u dik *in re* **Maria Victoria Zammit v. Direttur tas-Sigurtà Socjali** (Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009) fejn hemm imtenni li, "*Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u jrid per konsegwenza jigi ezaminat fil-kwadru tal-fattispeci pekuljari tieghu*."

[45] *a fol*. 188, *tergo* ta' *fol*. 188 u *a fol*. 189.

[46] *website link* fid-09.11.2019: https://msdec.gov.mt/en/Ambjent_Malta/Pages/melp.aspx

*Landscaping Unit, which was part of the then Agricultural directorate. Main responsibility of the Malta Environmental and Landscaping Projects is to monitor the PPP contract in which include: (1) Monitoring of sites assigned to ELC, including landscaping and maintenance of public gardens, roundabouts, side verges and central strips mainly on arterial and secondary roads, as stipulated by the contract. Every month sites not kept according to the contract, MELP is issued with a Notification Of Improvement (NOI). If rectification of areas are not complete to a satisfactory level by the end of the month money is deducted equivalent of the site in question for the occurring month. (2) To verify and approve new designs of soft and hard landscaping areas in the above-mentioned areas. (3) Booking for the use and activities organized in public gardens managed by ELC. (4) To keep an up to date inventory of sites Malta and Gozo; including areas, number and type of shrubs and trees. Three levels of embellishment are established by the contract. (5) Co-ordinate landscaping works with other Governmental entities mostly TM and IM.*"

Min-naha l-ohra, skond il-*website* ta' l-kumpannija kjamata in kawza, "*The ELC has been operating since 2003 to improve the landscaping and general maintenance of public areas and gardens in Malta*"[47] u "*It was during 2002 that at long last people started seeing a dramatic improvement in the landscaping and general maintenance of public areas and gardens in Malta. This new development did not just happen by chance. It was the result of a well planned and coordinated effort by the Environmental Landscape Consortium that entered into the first public private partnership with the Government. Professional management, knowhow and retraining of the work force managed to give the much sought after results. For the first time ever approaching the major road intersections and major thoroughfares all over Malta became a pleasure to witness green turf and a blaze of colour which has put our country at par to its European counterparts* [... ... ...] *However far more reaching than these new projects the **system of ongoing maintenance** has been reorganised in such a way to give a long lasting effect which is a far cry from what is better known as cleaning-up maintenance that only achieves a momentary impact soon to be lost in time. This means that **as maintenance takes place trees which have grown over the years in a stunted and irregular position are being righted up, properly pruned or in extreme cases removed and replaced by new trees**. Also the pruning of hedges and shrubbery, in particular centre strips, Oleanders of which Malta sports miles and miles of such specimen are being pruned in such a way to obtain a better shape and a longer flowering period. The accent on*

[47] *website link* fid-09.11.2019: http://www.elcmalta.com/

*proper maintenance has to be the principal aim of the work of the consortium. Whereas the new projects established a benchmark of standards, **<u>ongoing maintenance will prove these standards will be maintained and improved</u>** as the workforce undergoes better training and become more proud of its achievements*."[48]

Dik hi informazzjoni fid-dominju pubbliku li taghti skeletru t'informazzjoni generali tar-rwoli bazici taz-zewg entitajiet.  It-Tribunal issa jdawwar l-attenzjoni tieghu ghal dak li hareg mill-provi mressqa f'dan il-kaz (bl-informazzjoni fuq deskritta tinzamm fis-sottofond):

**(a)** Xoghol il-kumpannija Environmental Landscaping Consortium Limited hija li "*tiehu hsieb l-embellishments ta' roundabouts u postijiet pubblici*"[49] delegati fuqha. Bhala klijenti taghha, apparti l-Gvern Centrali, hemm ukoll Kunsilli Lokali.[50]  Il-Kunsill Lokali ta' Pembroke qatt ma kien klijent ta' Environmental Landscaping Consortium Limited izda f'xi zmien dak ta' San Giljan kellu relazzjoni kuntrattwali maghha.[51]

**(b)** Dwar is-*side verge* matul u biswit 'Triq Profs. Walter Ganado' din kienet taqa' fil-mansjonijiet ta' Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP), li taghha huma sub-kuntratturi Environmental Landscaping Consortium Limited hekk kif espressament sostna Edgar Borg (rapprezentant taghha).[52]  Dwar tali *side verge* l-kjamata in kawza Environmental Landscaping Consortium Limited qatt ma inghatat stuzzjonijiet dwar manutenzjoni minghand Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP).  Madanakollu Edgar Borg sostna li ghalkemm ma jinghatawx struzzjonijiet *ad hoc* u partikolari dwar liema zoni jehtiegu attenzjoni u manutenzjoni, il-kumpannija Environmental Landscaping Consortium Limited ghandha certu poteri ta' inizijattiva propria biex tattiva ruhha u "*jekk inti qed tara sigra l-bush hija sproporzjonata m'hemmx ghalfejn jghidilna l-MELP*." [53]  Sostna wkoll li ghal dak li jikkoncerna *trimming* ta' sigar u vegetazzjoni simili m'hemmx htiega li l-kumpannija Environmental Landscaping Consortium Limited

---

[48] *website link* fid-09.11.2019: http://www.elcmalta.com/About.html [enfazi tat-Tribunal].
[49] *a fol*. 187.
[50] *a tergo* ta' *fol*. 187.
[51] *ibid* u *a fol*. 188.  Edgar Borg sostna li aktarx (izda ma kienx mija fil-mija cert) fiz-zmien tal-incident in dizamina l-Environmental Landscaping Consortium Limited kellha relazzjoni kuntrattwali mal-Kunsill Lokali ta' San Giljan (*a fol*. 192).  Ghalkemm mistieden jaghmel verifiki, dan l-aspett tal-vertenza baqa' mhux debitament indirizzat (ara specifikatament *a tergo* ta' *fol*. 194 u *a fol*. 195).
[52] *a fol*. 187 *et seqq*.
[53] *a fol*. 190.

tinghata xi ordni specifika minghand Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP).[54]

**(c)** Christian Azzopardi, rapprezentant ta' Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP),[55] sostna li z-zona tat-triq mertu tal-kawza hija assenjata lir-responsabilitajiet ta' l-imsejjha fil-kawza Environmental Landscaping Consortium Limited[56] u li normalment, meta Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) tara li zona partikolari tehtieg tigi indirizzata, gestita jew mantnuta hi tissenjala dan lil Environmental Landscaping Consortium Limited li min-naha taghhom huma mistennija jattivaw ruhhom.[57] Qal li mir-ricerki li wettaq, ma kien jidher xejn anomalu jew allarmanti fis-*side verge* mertu tal-vertenza odjerna.[58] Sostna wkoll li Environmental Landscaping Consortium Limited ghandha responsabilità generali u dmir ta' *ongoing maintenance* u m'hemmx htiega li tistenna struzzjonijiet specifici ta' Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP).[59] Qal li s-*side verge*, ossia *soft area*, matul u biswit 'Triq Profs. Walter Ganado' (li tigi bejn l-appena msemmija triq u 'Triq Manwel Decelis) taqa' fil-mansjonijiet ta' Environmental Landscaping Consortium Limited.[60]

**(d)** Dr. Ronald Cuschieri, *general manager* ta' l-imsejjha fil-kawza Environmental Landscaping Consortium Limited, sostna li "*Mela din it-triq partikolari ghal hafna hafna zmien kienet a contentious area, gray area, ghax kien hemm kwistjoni bejn il-kunsilli jekk din taqax taht Pembroke u jekk taqax taht San Giljan, u din baqghet ghaddejja snin. Issa ahna bdejna fit-2002. Sa fejn naf jien din giet rizolta proprju f' dawn l-ahhar snin illi din ha jehodha l-gvern u jassenjaha lilna. Ovvjament din il-parti tat-triq illi qabel li kienet hafna minnhom … hafna minn l-affarijiet illi hem imhawlin hemmhekk kienu ghamluhom in-nies privati, ghax din kien hemm din il-kwistjoni allura bdew jiehdu hsiebha n-nies li joqghodu fid-dintorni, giet assenjata u qieghda parti llum minn dawk l-areas li ahna suppost naghmlu l-maintenance taghhom*."[61] Sostna li dwar is-sigra mertu ta' dan il-kaz huma ma kellhomx ordnijiet minghand il-Malta and Embellishment

[54] *a tergo* ta' *fol*. 191 u *a fol*. 192.
[55] Ghalkemm fil-verbal ta' l-udjenza tat-3 ta' Gunju, 2019 dan ix-xhud gie indikat bhala raprezentant ta' Environmental Landscaping Consortium Limited, fil-verità dan hu rapprezentant ta' Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) hekk kif minnu stess dikjarat (*a fol*. 206) u kif indikat fit-tahrika *a fol*. 203.
[56] *a fol*. 208.
[57] *a tergo* ta' *fol*. 208 *et seqq*.
[58] *a fol*. 212.
[59] *a tergo* ta' *fol*. 213, *a fol*. 214 u *a tergo* ta' *fol*. 216.
[60] *a fol*. 215u *a tergo* ta' *fol*. 215.
[61] *a tergo* ta' *fol*. 218 u *a fol*. 219.

> Landscaping Projects (MELP).[62] Sostna li s-sigra in kwistjoni ma thawwlitx minn Environmental Landscaping Consortium Limited izda aktarx minn xi hadd privatament.[63] Bhala setgha, l-Environmental Landscaping Consortium Limited ma tiddecidix li tizra jew li taqla' sigar, peress li dik hija kompetenza tal-Environment and Resources Authroity (ERA).[64] F'zoni bhal dawk in dizamina, l-Environmental Landscaping Consortium Limited ghandha poter ta' manteniment normali izda mhux ta' manteniment straordinarju.[65] Irribadixxa li jekk ikun hemm sitwazzjoni ta' vegetazzjoni perikolanti huma jirrappurtaw lil Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) u jistennew struzzjonijiet minghandha sabiex jintervjenu.[66] B'riferiment ghal din is-sigra *in specie*, Dr. Ronald Cuschieri sostna illi, "*L-ELC kienet responsabbli tal-manutenzjoni tas-soft area partikolari, però mhux ta' din is-sigra u ta' affarijiet imhawlin privatament min-nies*"[67] u illi, "*Jekk hemm xi haga li ma hijiex f' postha dik hija ma hijiex ir-responsabbilta` ta' l-ELC. Però ahna meta ninnotatw xi haga li mhix f' postha normalment ninformaw lil monitoring board*"[68] u sottolinea li s-sigra in kwistjoni mhux suppost kienet imwahhla hemmhekk.[69]

Mill-kumpless tal-provi kollha a disposizzjoni ta' dan it-Tribunal kif imressqa, jirrizulta indiskuss illi l-Environmental Landscaping Consortium Limited ghandha konnessjoni diretta maz-zona partikolari fejn kienet, tajjeb jew hazin, mizrugha s-sigra li eventwalment waqghet fuq 'Triq Profs. Walter Ganado'. Mill-elenku appena maghmul johrog l-obbligu generali ta' Environmental Landscaping Consortium Limited illi tispezzjona z-zoni li jaqghu fil-kompetenza taghha, li tissenjala u tirraporta certu sitwazzjonijiet lil Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) u li, f'certi istanzi, sahansitra tiehu l-inizjattiva li tindirizza certu sitwazzjonijiet li ma humiex minnha kunsidrati straordinarji. Haga li tohrog cara hija li l-Environmental Landscaping Consortium Limited hija l-kustodi ta' dawn iz-zoni partikolari sparsi f'Malta u f'Ghawdex u li l-addetti taghha jispezzjonawhom b'animu ta' sorveljanza, ta' vigilanza u ta' manutenzjoni. Jissorveljaw u jivvigilaw sabiex sitwazzjonijiet anomali jigu rrapurtati lil Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) [biex jinghataw struzzjonijiet specifici x'ghandu jsehh] u anke sabiex, fejn huwa ta' kompetenza ta'

---

[62] *a tergo* ta' *fol*. 219.
[63] *a fol*. 220.
[64] *a fol*. 219 u *a fol*. 220.
[65] *a tergo* ta' *fol*. 220.
[66] *a fol*. 223 u *a tergo* ta' *fol*. 223.
[67] *a tergo* ta' *fol*. 224.
[68] *ibid*.
[69] *a fol*. 225.

Environmental Landscaping Consortium Limited, jaqbdu u jindirizzaw is-sitwazzjoni in virtù tal-poter ta’ *ongoing maintenance* [bla ebda htiega ta’ ordnijiet specifici mill-Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP)].

Ghat-Tribunal, fix-xenarju kif raffigurat f’dan il-kaz, ir-rwol ta’ Environmental Landscaping Consortium Limited kien analogu hafna ghal dak ta’ kustodi ta’ oggett partikolari, ossia ta’ kustodi ta’ zoni specifici madwar Malta u Ghawdex biex il-vegetazzjoni f’tali zoni specifici jigu sorveljati, jigu gestiti u mantenuti u biex kwalsiasi pekuljarità jew anormalità tigi rappurtata lil Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) halli eventwalment tittiehed decizjoni mill-istess u tinghata ordni lil Environmental Landscaping Consortium Limited sabiex tiehu azzjoni. Fl-ahhar tal-gurnata, il-vigilanza fuq tali zoni hija ta’ Environmental Landscaping Consortium Limited hekk kif implicitu fix-xhieda ta’ Dr. Ronald Cuschieri illi sostna li l-Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) m’ghadhomx il-*man power* idoneju sabiex jispezzjonaw kull zona sparsa mal-gzejjer Maltin. Mela allura, l-ispezzjoni taqa’ bi dmir fuq Environmental Landscaping Consortium Limited u r-rizultat ta’ tali spezzjoni taf twassal, skond ic-cirkostanzi tal-kaz u kif rajna *supra*, jew ghad-domanda tal-istess Environmental Landscaping Consortium Limited minghand il-Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) sabiex tigi radrizzata xi sitwazzjoni straordinarja jew taf twassal ukoll biex Environmental Landscaping Consortium Limited taqbad u tirranga dak li ma jkunx jirrikjedi ordni jew awtrizzazzjoni specifika *a priori*, hekk kif sostnew Edgar Borg u Christian Azzopardi (ara *supra*).

Stabbilit ghalhekk illi din iz-zona tat-triq fejn sehh l-incident taqa’ fir-responsabbilità generali ta’ Environmental Landscaping Consortium Limited, bla dubju din il-kumpannija kienet soggetta ghall-istess obbligi tad-depozitarju ghal dak li hija kustodja u konservazzjoni tal-haga fdata lilu. Li jfisser illi, la dik il-parti tat-triq kienet fid-disponibilità taghha, u allura soggetta ghal vigilanza u supervizjoni taghha, kien impellenti fuq l-imsemmija kumpannija li hi zomm kontroll kontinwu u effikaci biex timpedixxi l-holqien ta’ kawzi ta’ perikolu ghal terzi. Jikkonsegwi illi l-indikata kumpannija kellha, u ghandha, b’dover, l-obbligu generali li taccerta li dik il-parti tat-triq, apparti li fiha nnifisha tkun fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni, tkun ukoll hielsa minn minn affarijiet anormali jew insidji[70] li jistghu jezistu jew eventwalment jizviluppaw fiha li jafu jipperikolaw it-transitu fuq ‘Triq Profs. Walter Ganado’ jew fuq ‘Triq Manwel Decelis’.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

[70] Ghall-kuncett ta’ “insidja” ara l-partijiet rilevanti fid-decizjoni *in re* **Argus Insurance Agencies Ltd pro et noe v. Sindku u Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Qrendi** (citata diga’ *supra*).

Taht l-Artikolu 2051 tal-kodici civili Taljan il-legislatur jitkellem specifikatament fuq danni subiti minn haga jew oggett li jinsab fil-kustodja ta' xi hadd (ossia, "*danno cagionato da cosa in custodia*"). Dan l-indikat dispost ighid illi, "*Ciascuno e responsabile del danno cagionato dalle cose che ha in custodia, salvo che provi il caso fortuito*." Issa, taht il-ligi patria ma nsibux artikolu specifiku dwar hekk. Madanakollu, l-Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili – il-fondament tal-kolpa akwiljana fis-sistema Maltija – huma ampji bizzejjed biex jabbraccjaw tali principju u, allura, jirrendu l-istess precett guridiku applikabbli *mutatis mutandi*. *Del resto*, u anke kif accettat mill-gurisprudenza nostrana fil-bidu tas-seklu ghoxrin, "*la colpa è un ipotesi giuridica e generica finche sta nelle disposizioni della legge o sui tratti di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili*." (**Ingegnere Frank Calafato v. Carmelo Grech**, Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1921).

Taht l-artikolu Taljan jidhlu varjetà kbira ta' xenarji, izda ghal finijiet taghna, is-segwenti senjalazzjonijiet huma sufficjenti.

L-awturi **Marcello Sinisi** u **Fulvio Troncone** ("Responsabilità per danni da cose in custodia", Simone, 1ª ed., 2009; p. 117) jsostnu li, "*È tesi del Supremo Collegio quella secondo cui il concetto di custodia, presupposto dall'art. 2051 c.c., sta a significare un effettivo potere fisico del soggetto nei confronti della cosa, cioè un rapporto concreto che implichi il governo e l'uso della cosa custodita, con il conseguente obbligo di vigilare che da questa – per sua natura o particolari condizioni – non derive danno ad altri*." L-istess awturi, b'riferiment ghall-Qorti ta' Kassazzjoni Civili [sent. n. 347 tal-14 ta' Jannar, 1992] isostnu hekk: "*La giurisprudenza di questa Corte pone a fondamento della responsabilità il dovere di sorveglianza gravante sul custode nella duplice direzione della vigilanza della cosa e del mantenimento del suo controllo in modo da impedire che produca danno a terzi*." (*cfr*. **Sinisi-Troncone**, *op. cit*., p. 101).

Ghalhekk, kien dmir Environmental Landscaping Consortium Limited li tiehu hsieb tindokra z-zona tat-triq in kwistjoni u tiskonguraha minn kwalsiasi insidji jew perikli ghall-utenti ta' 'Triq Profs. Walter Ganado' (jew ta' 'Triq Manwel Decelis). Kien jispetta lill-istess Environmental Landscaping Consortium Limited li tara li kull oggett taht il-kontroll taghha jkun fi stat tajjeb ta' konservazzjoni u kien ukoll dmir taghha li tivvigila fuq iz-zona sabiex izomma hielsa minn ostakoli, kemm apparent u kif ukoll dawk li jafu jimmaterjalizzaw.

Kif ritenut fid-decizjoni fuq imsemmija *in re* **Joseph Falzon vs. Kunsill Lokali Iklin** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2006), "*Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi afidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili. Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001) kellha dan xi tghid: «Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opera pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di commune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem lædere' in osequio alla quale essa è tenuta a far si che l'opus pubblicum' (in particolare una strada aperta al publico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabocchetto).»*" Ezattament fl-istess sens hija s-sentenza *in re* **Hugh P. Zammit et noe v. Direttur tat-Toroq et** (Appell Inferjuri, 23 ta' Jannar, 2004).

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jinzel naturali li f'dan il-kaz, u minhabba d-deskritti cirkostanzi, il-Kunsill Lokali ta' San Giljan ukoll m'huwiex il-kontradittur legittimu di fronti ghall-istanza attrici, izda hija s-socjetà imsejjha fil-proceduri, Environmental Landscaping Consortium Limited, li ghandha twiegeb ghall-istess.

It-Tribunal jikkunsidra addizzjonalment;

Bil-wisq naturali l-istharrig ta' dan it-Tribunal ghandu jiffoka fuq l-ghemil taz-zewg partijiet involuti, ossia kemm fuq l-agir tas-sewwieq Darren Calvagna u kif ukoll fuq l-ghemil tal-kjamata in kawza. Dan hu proprju hekk ghaliex jinzel bi dmir fuq min ghandu jiggudika illi jesplora u jezamina sew il-fattur ta' kontributorjetá, stante illi l-kuncett tal-kolpa ma hu xejn hlief astrazzjoni guridika unika, li tiehu diversi forom, sahansitra dik tal-kontributorjetá.[71] Kif jikteb l-awtur **GIOVANNI CESAREO CONSOLO** ("Trattato del Risarcimento del Danno", UTET 1908; p. 307), "*trattandosi di risarcimento di danno per quasi delitto, bisogna tenere in conto*

[71] **GIORGIO GIORGI** ("Teoria Delle Obbligazioni", Firenze 1924; Vol.II, §33 p.57) jikteb illi, "*La colpa invero è un quid iuris, sinchè sta nei volumi dei trattisti al cospetto della scienza; ma la colpa è un quid facti, quando deve essere provata davanti al giudice, il quale non può trovarla, se non nei fatti, che gli vengono dimostrati*." Mix-xena domestika ara d-decizjoni *in re* **Ingegnere Frank Calafato v. Carmelo Dimech** (Appell Civili, 23 ta' Novembru, 1921).

*anche la colpa del danneggiato; indagare cioè quanto costui abbia potuto contribuire al fatto per lui pregiudizievole e per cui domanda il risarcimento*”.[72]

L-ewwel sejra tigi trattata l-kondotta ta’ Darren Calvagna, sewwieq tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TAXI 039M.

Invarjabilment dejjem nsibu nvokata n-nozzjon ta’ “proper lookout” meta tkun qed tigi ezaminata l-kondotta ta’ sewwieq ta’ vettura. U dan hekk ghandu jkun ghax trid tigi ezaminata tali kondotta sabiex min qed jiggudika jkollu stampa cara ghal dak li wassal biex gara l-event sinistru stante li jista’ jaghti l-kaz li tali sinistru jkun sehh parzjalment, interament jew, addirittura agjevolat, b’xi nuqqas tas-sewwieq stess.

Rigward dan l-ingredjent komportamentali rikjest mis-sewwieqa ta’ vetturi nsibu gurisprudenza ampja. Ormai din in-nozzjon tinsab konsolidata f’numru ta’ gudikati tal-qrati taghna, kemm fis-sede penali[73] kif ukoll f’dawk civili.[74] Fil-kawza *in re* **Untours Insurance Agents Limited pro et noe v. Etienne Saliba et** (Prim’Awla, 29 ta’ Jannar, 2004) gew spjegati z-zewg regoli kardinali tas-sewqan, ossia li hija regola generali, fi kwestjonijiet ta’ stharrig ta’ responsabbilità, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri [*a*] li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u [*b*] li jzomm attenzjoni (“proper lookout”) dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.[75] Kif osservat fis-sentenza *in re* **Richard Fenech v. Rook Construction Limited et** (Prim’Awla, 3 ta’ Ottubru, 2003) hu “*dmir ta’ driver li jzomm dik li komunement tissejjah ‘a reasonable careful look-out’, liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli*.”

Minn ezami ta’ dak sostnut minn Darren Calvagna,[76] it-Tribunal ma jara l-ebda prova li tindika kif tali sewwieq kien, b’xi mod jew manjiera, traskurat jew imprudenti dakinhar ta’ l-akkadut. Il-waqa’ improvviza ta’ sigra (jew fergha/zokk minnha) jew ta’ xi oggett iehor simili minn *side verge* fuq it-triq tranzitata ghal fuq il-karozza misjuqa minnu m’hijiex xi haga li sewwieq jista’ qatt ragjonevolment

---

[72] Din it-tematika giet approfondita minn dan it-Tribunal, kif presjedut, fid-decizjoni *in re* **John Busuttil v. Socjetà Muzikali Santa Marija Qrendi** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 31 ta’ Ottubru, 2019) u hawnhekk issir referenza ghall-partijiet rilevanti fiha.
[73] Ara, *inter alia,* **Il-Pulizija v. Jason Delia** [(19.09.2006) App. Krim. Nru: 63/2005]; **Il-Pulizija v. Noel Gauci** [(25.03.2004) App. Krim. Nru: 32/2004]; **Il-Pulizija v. Robert Zaffarese** [(06.11.2002) App. Krim. Nru: 177/2002].
[74] Ara, *inter alia,* **Mary Bonello noe et v. Sylvia Fsadni** [(11.03.1998) App. Civ. Nru: 1168/83]; **Joseph Fenech et v. Maria Bajada et** [(13.01.1988) App. Civ. Nru: 1036/81]; **Dott. Remigio Zammit Pace noe v. Thomas Catania et** [(26.11.1987) Vol:LXXI-III-722].
[75] *vide* s-sentenza ghall-gurisprudenza ulterjuri.
[76] Ara deposizzjoni tieghu fl-udjenza tal-25 ta’ April, 2018 (*a foll.* 48–49) u fl-udjenza tas-6 ta’ Gunju, 2018 (*a foll.* 52–53).

jistenna, ibassar jew jipprevedi.  Wara kollox, kif affermat fis-sentenza *in re* **Francis Coleiro ne vs. Carmelo Cassar** (Appell Civili, 24 ta' April, 1964),[77] "*Il-prevedibilità trid tkun ta' probabilitajiet ragonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*."

It-Tribunal ma jirravviza l-ebda komportament sfrontat jew traskurat fis-sewqan ta' Darren Calvagna jew xi grad ta' imprudenza li hu censurabbli.  Mill-provi akkwiziti, kollox jindika sewqan solerti u garbat, minghajr atteggjamenti jew eccessi negligenti da parti ta' l-imsemmi sewwieq (bhal naghtu kaz, ghal dak li hi velocità elevata jew xi manuvra azzardata).  Ma jirrizultax lanqas li l-vettura misjuqa minn Darren Calvagna laqtet ic-cint tas-*side verge* in kwistjoni u li per konsegwenza tqacctet xi sigra jew pjanta mizrugha u din waqghet fuq il-vettura. Lanqas ma jirrizulta li s-sigra jew pjanta kienet gja' waqghet fuq 'Triq Profs. Walter Ganado' u li wara ghadda Darren Calvagna u baqa' diehel fiha.  Li kieku kien hekk, u kif sostna l-istess sewwieq, id-danni kienu jkunu fil-parti frontali ta' taht tal-vettura u mhux fil-parti ta' fuq tal-*windshield* tal-istess vettura.[78]

Ghaldaqstant ma jirrizulta xejn barra minn postu fis-sewqan ta' Darren Calvagna u ghalhekk ma hemm l-ebda tip ta' htija li ghandha tigi akkollata fuqu ghall-akkadut dannuz *de quo*.

L-istess ragunament, izda, ma jistax jigi applikat fir-rigward ta' Environmental Landscaping Consortium Limited u dan l'ghaliex, kif accennat aktar kmieni, hemm diversi fatturi li jissottolinejaw ir-responsabbilità li tinkombi fuqha bhala dik l-enti li kellha l-kontroll, il-vigilanza, is-supervizjoni u l-manutenzjoni ta' dawk is-siti fit-toroq lokali li huma ta' kompetenza taghha – is-*side verge* (u l-vegetazzjoni mizrugha fiha) bejn 'Triq Profs. Walter Ganado' u 'Triq Manwel Decelis' tkun wahda minnhom.

Kif affermat fid-decizjoni *in re* **Fogg Insurance Agencies Limited v. L-Awtorità ghat-Trasport f'Malta et** (citata *supra*), u b'self minnha, dan it-Tribunal jirrileva illi essenzjalment, sigar, pjanti jew vegetazzjoni ohra li hemm fit-toroq jew ai margini taghha, minn zmien ghal zmien, jehtiegu jigu sorveljati u ezaminati halli minnhom jitnehhew dawk il-partijiet li ghandhom hsara, jew li huma mejta, morda jew li minhabba d-daqs tal-frieghi jafu jkunu ta' periklu.  L-imsejjha fil-kawza kellha tfassal programm ta' spezzjoni li jassigura li s-sigar jew pjanti f'postijiet bhal dawk in dizamina (anke jekk mhux imwahhlin minnha) jigu necessarjament spezzjonati minn persuni li jifhmu fil-qasam tas-sigar *et similia*.

---

[77] Riportata *f'Kollez*. **Vol. XLVII(F)-I-258**.
[78] Ara senjatament *a fol*. 53.

L-Environmental Landscaping Consortium Limited kellha obbligu generali ta' sorveljar u, ghalhekk, kellha tiehu l-passi idoneji u l-mizuri ragonevoli biex kwalsiasi riskju jitnaqqas. Dan qed jinghad, aktar u aktar jekk, fid-dawl ta' dak li asserixxa Dr. Ronald Cuschieri, u cioè li tali sigar jew pjanti (bhal dik li waqghet f'dan il-kaz) mhux suppost kienu mizrugha fiz-zona. Hu proprju ghalhekk li kien hemm il-bzonn (u ghad hemm htiega) li minn zmien ghal zmien issir spezzjoni minn persuni li huma versati f'dan is-settur (bhal arboristi), sabiex dak li mhux suppost huwa ezistenti fis-sit in kwistjoni jitnehha u dak li jehtieg jigi mantenut issirlu l-hidma appozita fuqu.

Mill-atti probatorji, jidher evidenti li fil-kaz prezenti dan l-ezercizzju ma kienx qieghed isir minn Environmental Landscaping Consortium Limited. Jekk tali ezercizzju sehh, allura l-istess Environmental Landscaping Consortium Limited ma intebhitx bis-sigra jew bil-pjanta li mhux suppost kienet hemmhekk. Jekk sar tali ezercizzju u Environmental Landscaping Consortium Limited intebhet b'dan kollu, ma jidhirx li din gibdet l-attenzjoni tal-Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) jew tal-Environment and Resources Authority (ERA). Dan kollu jindika certu passività u certu inerzja ta' Environmental Landscaping Consortium Limited.

Jekk Environmental Landscaping Consortium Limited kienet temmen li ma kellha x'taqsam xejn maz-zona u li l-poteri fuq l-istess zona kienu primarjament u/jew esklussivament tal-Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP), kien missha sejjhitha fil-kawza odjerna biex tigi ricerkata r-responsabbilità relattiva u tikkonsegwi l-kundanna. Ghalhekk, jekk il-kumpannija Environmental Landscaping Consortium Limited kienet temmen illi kien hemm lok fejn ohrajn jigu kjamati jippartecipaw fil-gudizzju biex jirrispondu, il-lokuzzjonijiet ta' l-Art.6(1) ta'r-Regoli Dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ligi Sussidjarja 380.01), l-Art. 961 tal-Kodici ta' Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' l-Art. 1050(2) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma ampji bizzejjed biex jghatuha l-fakoltá taghmel hekk.

Madanakollu l-kumpannija kjamata in kawza ghazlet sempliciment li tipprova tisposta l-htija fuq xi hadd li mhux partecipi fil-procediment odjern u li tippersisti bl-allegazzjoni u sottomissjonijiet li kienet Malta and Embellishment Landscaping Projects (MELP) l-enti li kellha verament twiegeb. Environmental Landscaping Consortium Limited ghazlet din l-istrategija legali, izda kif maghruf, l-ebda parti mit-tort – *in toto* jew *in partem* – ma tista' tigi addossata fuq xi hadd li mhux parti fil-kawza. In fatti, "*il-konvenut ma jistax jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhiex sostenibbli*

*ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza*" (**Anthony Fenech noe v. Paul Gauci**, Prim'Awla tal-21 ta' Frar, 1994; mhux pubblikata). L-istess hemm sostnut fil-kawzi **Victor Camilleri pro et noe et v. Nazareno Cutajar et** (Appell Civili, 9 ta' Dicembru, 1968; mhux pubblikata); **Angelo Stellini v. Joseph Camilleri** (Prim'Awla tas-17 ta' April, 1991; mhux pubblikata); u **Paul Scerri pro et noe et v. Tancred Cesareo** (Prim'Awla, 27 ta' Jannar, 1997; mhux pubblikata).

Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak eccepit fl-ewwel eccezzjoni u ghall-affermazzjonijiet tal-kjamata in kawza, in-nuqqas ta' sorveljanza u manutenzjoni adegwata da parti taghha mfissra *supra* wassal ghall-waqa' tas-sigra (jew fergha/zokk minnha) jew tal-pjanta in kwistjoni ghal fuq 'Triq Profs. Walter Ganado', bil-konsegwenza li baqghet niezla fuq il-karozza bin-numru ta' registrazzjoni TAXI 039M ezatt meta kienet ghaddejja miz-zona. Dan kollu kombinat, wassal ghall-akkadut dannuz soffert mis-sewwieq assikurat mas-socjetà assikuratrici attrici.

L-Art. 1031 tal-Kodici Civili jiddisponi li, "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*." Sabiex tirnexxi tali azzjoni hemm bzonn jikkonkorru tlett rekwiziti, *ossia* (**i**) il-prova tad-dannu mgarrab inkombenti fuq min jallegah; (**ii**) il-kondotta doluza jew kolpuza (kommissiva u/jew ommissiva) tal-konvenut; u (**iii**) in-ness kawzattiv bejn tali danni u tali kondotta.[79]

Rigward l-ewwel rekwizit, dan gie ampjament pruvat li l-proprjetarju tal-vettura (u l-assigurazzjoni attrici in forza tas-surroga[80]) ssubixxa dannu patrimonjali, cioè fil-vettura tieghu. Tali aspett ma giex kontradett fil-kors tal-kawza u l-atturi ressqu provi adegwati f'dan is-sens.[81]

---

[79] F'dan is-sens ara, fost ohrajn, is-sentenzi *in re* **George Thomas Davison v. Joseph Azzopardi noe** (Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962) u *in re* **Francis Busuttil v. Sammy Meilaq nomine** (Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2002). Analizi mirquma tat-tlett aspetti tinsab spjegata mill-awtur **GIOVANNI PACCHIONI** fi "Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni" (CEDAM, 1940; Vol. IV, p. 141).

[80] Ara deposizzjoni ta' George Stagno Navarra fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2018 (*a foll.* 92–95) u d-dokumenti relattivi minnu ezibiti. Tali surroga ma sservix ta' novazzjoni li tohloq obbligazzjoni gdida izda hi wahda fejn id-drittijiet tal-persuna assikurata jigu kontinwati fil-persuna ta' l-assikurazzjoni. Fis-sentenza *in re* **Capitano Joseph L. Muscat nomine v. Giuseppe Mizzi et nè** (Qorti tal-Kummerc, 25 ta' Novembru, 1929) li tghid illi d-danneggjant "*deve rispondere del danno verso lo assicuratore che piglia il posto dello assicurato*." Fid-decizjoni *in re* **Untours Insurance Agents Limited noe v. Salvatore Zarb** (Appell Inferjuri, 20 ta' April, 2005) tghid li, "*l-assigurazzjoni tissubentra fl-identika posizzjoni, sostanzjali u processwali, tad-danneggjat di fronte ghad-danneggjant*." Fil-kawza *in re* **Bonnici George et noe v. Phoenica Hotel Company Ltd** (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005) inghad hekk: "*Fil-kaz ta' assigurazzjoni li thallas lill-assigurat taghha ai termini ta' polza ta' assigurazzjoni il-materja tas-surrogazzjoni tiffigura fl-ipotesi kontemplata taht is-subparagrafu (c) ta' l-Artikolu 1166 li tippreskrivi l-akkoljiment tas-surroga ipso jure favur dak li kien obbligat mà ohrajn jew ghall-ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu*."

[81] Ara *a foll.* 75–86 u *a foll.* 96–116.

It-tieni rekwizit jiehu l-forma ta' kondotta kolpuza omissiva fil-kaz odjern stante li l-kjamata in kawza naqset fid-doveri taghha ta' sorveljanza, manutezjoni, *ecc*., kif fuq diskuss. Issa, l-Kodici Civili huwa silenzjuzi ghar-rigward ta' x'inhi l-kolpa. Ghalhekk wiehed jdur fuq l-awturi li jfornu definizzjonijiet li jiddeterminaw l-essenza taghha. L-awtrici **Giovanna Visintini** ("Trattato Breve della Responsabilità Civile", 3ª ed., 2005; p. 87) tispjega li, "*La colpa, in senso tecnico-giuridico, consiste in un comportamento cosciente dell'agente che, sia pure senza volontà di recare danno ad altri, è causa di un evento lesivo per negligenza, imprudenza, imperizia ovvero per inosservanza di regole o norme di condotta*." B'mod aktar dettaljat l-awturi **Andrea Torrente** u **Piero Schlesinger** ("Manuale di Diritto Privato", 17ª ed., Giuffrè 2004; §423, p. 659) joffru deskrizzjoni aktar mirquma, li tenfasizza b'mod partikolari fuq il-komportament tad-danneggjant. Huma jghidulna illi, "*La colpa … presuppone una valutazione negativa del comportamento dell'agente, che è ritenuto «in colpa» quando non ha adeguato la propria condotta al livello di diligenza, o di prudenza richiesti, ovvero non ha rispettato le regole tecniche o giuridiche di comportamento proprie dell'attività da lui svolta* […] *il giudizio sulla colpa implica l'analisi di tutte le circostanze di fatto, onde accertare se il danneggiante doveva e poteva agire diversamente, in base alle regole che vanno osservate dalla persona «normale» ed accorta*."

Inoltre, l-kolpa tista' tkun kommissiva (kondotta pozittiva) oppure omissiva (kondotta negattiva). Kif rilevat minn **Carlo Lega** ("Le Libere Professioni Intellettuali", Giuffrè Editori, 1974; p. 832), "*Ovviamente la negligenza può essere omissiva o commissiva*." L-awtur **Francesco Ricci** ("Corso Teoretico-Pratico di Diritto Civile", UTET, 1912; Vol. VI, §85, p. 113) jikteb, f'aktar dettall, illi l-kolpa "*non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anco quando ometto o trascuro di far ciò che avrei dovuto fare.*"

Ma hemmx bzonn ta' bilfors li jkun hemm l-infrazzjoni ta' norma mperattiva ta' dritt (ligi skritta) sabiex wiehed jigi ritenut hati ta' ghemil traskurat/negligenti. Dan ghaliex, skond **Enrico Altavilla** ("La Colpa: Parte Prima", UTET 1957; §13, p. 42), "*il dovere di diligenza e di prudenza deriva da un complesso giudizio di pericolosità di condotte, nel duplice aspetto commissivo od omissivo, così che, pur non essendo imposte da una specifica norma giuridica, sono regolate dai bisogni di convivenza sociale*." Dan ma hux xejn hlief rikjam ghall-prncipju ta' "neminem lædere".[82] Ghalhekk, certu prekawzjonijiet u certa kura ghandhom

[82] Dan mhux kuncett distakkat mil-ligi skritta izda wiehed illi jippervadi kull ghemil, kull dover u kwalsiasi obligazzjoni, kontrattwali jew le: "*è statisticamente dimostrato che il neminem lædere si sia conquistato 'sul campo' un proprio diritto di cittadinanza nel sistema*." (**Massimo Franzoni**, "L'Illecito", 2ª ed., Giuffrè 2010; p. 31).

dejjem jittiehdu bhala rispett versu l-ohrajn u hekk kif l-awturi **Cadoppi** u **Veneziani** ("Manuale di Diritto Penale"; CEDAM, 2a ed., 2006; p. 326) jiktbu, "*Ciascuno di noi, quando svolge una certa attività, è tenuto a svolgerla rispettando determinate regole precauzionali. Scopo di queste regole è quello di prevenire ed evitare che venga arrecato un pregudizio ad interessi meritevoli di tutela, o – perlomeno – di ridurre il rischio entro i margini tali da renderlo accettabile*."[83] In oltre, **Massimo Franzoni** ("Le Obbligazioni: Le obbligazioni da fatto illecito" Vol.II, UTET 2004; §3, p. 29) jghid illi, "*Anche nel caso in cui manchi una specifica norma di legge o di regolamento, che imponga l'obbligo di osservare una determinata linea di condotta, la colpa può venire in rilievo sotto il profilo dell'imprudenza, della negligenza o dell'imperizia. In questi casi, la colpa viene individuata in un comportamento cosciente dell'agente, che senza volontà di arrecare danno, cagiona, però, un evento lesivo ad altri; in modo particolare, la giurisprudenza fa riferimento al requisito della prevedibilità o rappresentabilità dell'evento dannoso, come componente essenziale della colpa. Il giudizio sulla prevedibilità o rappresentabilità dell'evento, tuttavia, viene effettuato secondo il criterio della media diligenza ed attenzione del buon padre di famiglia, rapportato alla situazione verificatasi in concreto. Pertanto, non vi è un'indagine sulla coscienza e sulla volontà dell'agente, in quanto attraverso il confronto con il parametro standard della diligenza del buon padre di famiglia, si accerta la difformità del comportamento tenuto rispetto a quello che, invece, era richiesto*."

Ma jistax jonqos li f'din l-ekwazzjoni jinserixxi ruhu l-parametru standard ta' dik id-diligenza li jippreciza l-Art. 1032 tal-Kodici Civili, ispirata minn dik id-dottrina indikanti "*una forma di attenzione nei confronti dell'altrui sfera giuridica, che si traduce generalmente nell'obbligo di adottare una condotta positiva o di svolgere una certa attività secondo particolari modalità; si indica, quindi, il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine*" (**Massimo Franzoni**, *op. cit.*, p. 25) citata b'approvazjoni fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede inferjuri, fl-ismijiet **Citadel Insurance plc v. Paul Berry et** moghtija fl-24 ta' Jannar, 2007.

Maghmula dawn is-senjalazzjonijiet, it-Tribunal jemmen li l-kumpannija Environmental Landscaping Consortium Limited "*non ha adeguato la propria condotta al livello di diligenza, o di prudenza richiesti*" fil-qaghdi tad-dmirijiet u

---

[83] Kif inghad minn Lord Atkin fil-kawza tal-House of Lords *in re* **Donoghue (or M'Alister) v. Stevenson** ([1932] All ER Rep 1; [1932] AC 562; p. 580), "*There must be, and is, some general conception of relations giving rise to a duty of care, of which the particular cases found in the books are but instances. ... The rule that you are to love your neighbour becomes in law you must not injure your neighbour* […] *You must take reasonable care to avoid acts or omissions which you can reasonably foresee would be likely to injure your neighbour. Who, then, in law, is my neighbour? The answer seems to be — persons who are so closely and directly affected by my act that I ought reasonably to have them in contemplation as being so affected when I am directing my mind to the acts or omissions that are called in question*."

funzjonijiet taghha.  Inoltre jidher li l-istess kumpannija setat tagixxi, "*diversamente, in base alle regole che vanno osservate dalla persona «normale» ed accorta*", ossia li hi setat tipprevjeni (u ankè tipprevedi l-potenzjalità ta' ncidenti xejn remoti) l-insidja jew perikolozità insita f'sigar jew pjanti li mhux suppost ikunu mizrugha jew ta' ohrajn li kienu jehtiegu zabra jew t'ohrajn li kienu necessitanti manutenzjoni. L-indikati omissjonijiet, jekwivalu ghal kondotta kolpuza li ma tistax tigi eskluza stante illi l-kumpannija kjamata in kawza kienet f'posizzjoni li tevita d-dannu kkagunat ghax hi "*aveva il dovere di prevedere*."

It-tielet rekwizit imsemmi jitkellem dwar il-*causal nexus* bejn il-kondotta tad-danneggjant u d-danni subiti. In-nuqqas ta' vigilanza u sorveljanza adegwata wassal ghad-deterjorament ta' sigra (jew parti minnha) jew ta' pjanta mizrugha f'*side verge*.  Din spiccat biex waqghet orrizzontalment fuq triq pubblika meta minnha kien ghaddej traffiku.  Il-waqa' ta' tali sigra jew pjanta spiccat biex laqtet il-vettura misjuqa minn Darren Calvagna u kkagunat hsarat lill-istess vettura. Ghalhekk, jezisti l-imsemmi ness kawzattiv bejn il-kondotta omissiva ta' Environmental Landscaping Consortium Limited u d-danni subiti, ness kawzattiv illi – hekk kif digà ntqal – mhux interrot u/jew mmarkat b'xi ghemil kontributorju tas-sewwieq tal-vettura.

Ghal dak li jikkoncerna *quantum* ta' hsarat, minn ezami akkurat ta' dak imressaq mill-atturi[84] – u kif ukoll mhejjun b'dak imfisser fil-parti rilevanti ta' l-Art. 9(2)(*b*) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-Tribunal jemmen li d-dannu gie pruvat ghal dak li hi konsistenza, kwalità u kwantità tieghu u ma ghandux raguni l'ghaliex ghandu jiddiskosta ruhu minn tali rizultanzi, anke l'ghaliex il-kontro-provi jew l-argumenti relattivi ma jnisslu l-ebda dubju f'dan it-Tribunal.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi:

**I.** Jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke u mill-Kunsill Lokali ta' San Giljan u jiddikjara li dawn m'humiex legittimu kontraditturi fil-konfront tat-talba attrici;

**II.** Jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kumpannija kjamata in kawza, Environmental Landscaping Consortium Limited;

[84] Ara *a foll*. 75–86 u *a foll*. 96–116.

**III.** Jilqa' t-talba ta' l-atturi u jiddikjara lill-kumpannija kjamata in kawza, Environmental Landscaping Consortium Limited, bhala unikament responsabbli ghall-akkadut sinistru subit mill-atturi;

**IV.** Jikkundanna lill-istess kjamata in kawza, Environmental Landscaping Consortium Limited thallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma fl-ammont komplessiv ta' tmien mija, sitta u ghoxrin ewro u tlieta u disghin centezmi (€826.93c).

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-kjamata in kawza, Environmental Landscaping Consortium Limited, inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali mahruga fil-25 ta' Ottubru, 2016, bl-imghax legali fuq l-ammont ta' €826.93c mill-20 ta' Lulju, 2017 (data tal-prezenti sejjha gudizzjarja) sad-data tal-pagament effettiv u finali.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*